# Il-Karwija: Mill-Gwerra 'l Hawn

Paul Callus

Fit-Tieni Gwerra Dinjija, l-ewwel bumbardamenti fuq Malta saru mill-ajruplani tar-*Regia Aeronautica*, iżda dawn l-attakki ftit li xejn kienu inċiżivi. Meta mbagħad fl-1940 issieħbu magħhom il-forzi tal-ajru Ġermaniżi, il-*Luftwaffe*, l-affarijiet ħadu xejra differenti. L-attakki ħraxu, speċjalment fuq l-inħawi ta' madwar il-Port il-Kbir u l-ajruporti ta' Ħal Luqa u Ħal Far.

Il-Kap Kmandant tal-Forzi tal-Ajru Ingliżi, F.H.M. Maynard, fehem illi l-ajruplani tal-għadu kienu se jagħmlu ħerba mill-ajruporti Maltin. Għalhekk huwa ried li bejn Ħal Luqa u Ħal Far jitfassal ajrudrom awżiljarju li seta' jilqa' fih l-ajruplani f'każi ta' emerġenza. Dan kellu jkun fil-limiti ta' Ħal Safi, u fil-fatt tawh l-isem ta' *Safi Airfield*, jew kif kien aktar magħruf, *Safi Strip*.

Il-ħidma bdiet fl-1941, wara li ħafna bdiewa tal-lokal kellhom iċedu l-għelieqi tagħhom biex jitwettaq dan il-proġett. Ix-xogħol tkompla taħt it-treġija ta' Air Vice-Marshal H.P. Lloyd li ħa post Maynard fil-1 ta' Ġunju 1941. Bosta ħaddiema kienu Maltin u magħhom ingħaqdu suldati tal-*Hampshire Regiment*. Sa Frar 1942 ix-xogħol fuq *Safi Strip* kien tlesta.

Hemm inbnew ukoll għadd ta' lqugħ għall-ajruplani (*pens*) fejn intuża ġebel ta' bini mġarraf kif ukoll tankijiet u landi tal-petrol mimlijin bil-ħamrija. Dik is-sena Malta esperjenzat xita ta' bombi li ħalliet ħerba liema bħalha. *Safi Strip* swiet mitqlu deheb għall-ajruplani li sabu kenn hemmhekk, minkejja li l-għadu kemm-il darba pprova jeqridha bil-bombi li xeħet fuqha.

Kien għalhekk li minbarra l-*Hampshire Regiment*, fl-inħawi ntbagħat battaljun tal-KOMR u battaljun tad-*Dorset Regiment* sabiex tkompli tissaħħaħ id-difiża tal-ajrudrom bil-kanuni.

Fl-1943, saru diversi modifikazzjonijiet lil *Safi Strip* bl-intenzjoni li minn hemm jibdew isiru attakki fuq l-għadu. Issa l-ajruport kien ġie estiż sa dak ta' Ħal Luqa u kellu żewġ *runways*. Dawn kienu: *Runway E-W* – 1200 metru; *Runway NW-SE* – 1200 metru. Ma kellhomx wiċċ tat-tarmak, iżda ħamrija u ħaxix.

L-ajrudrom il-ġdid inawgurah il-Gvernatur Gort nhar is-Sibt 15 ta' Mejju 1943, xahrejn u nofs biss wara li beda x-xogħol fuqu. Air Vice-Marshal Keith Park, Kmandant tal-Forzi tal-Ajru f'Malta, żanżan l-ajrudrom billi għamel titjira fuq l-ajruplan personali tiegħu, *Supermarine Spitfire Mk V*.



Air Vice-Marshal H.P. Lloyd u Air Vice-Marshal K. Park
(Ritratt-*Imperial War Museum*)



Air Vice-Marshal K. Park iżanżan l-ajrudrom ta' Ħal Safi
(Ritratt-*Imperial War Museum*)


Fdalijiet ta' *Safi Airfield* fis-snin ħamsin

Fost oħrajn attenda wkoll l-OC RAF Safi, Flg. Off. I.B. Westmacott.

Meta f'Lulju 1943 twettqet l-invażjoni ta' Sqallija, l-ajruplani tar-RAF ittajru wkoll minn *Safi Airfield* u ħadu sehem fi 48 attakk permezz ta' ajruplani *Spitfire*. Xahrejn wara, l-Italja ċediet u għadd ta' priġunieri Ġermaniżi nġiebu Malta; uħud minnhom ittieħdu f'kamp fil-Karwija fejn inżammu f'*Nissen huts* magħmulin mill-pjanċi. Patri Ġużepp Borg OSA kien imur iżurhom u jieħu ħsieb il-bżonnijiet spiritwali tagħhom.

Wara li ntemmet il-gwerra, l-ajrudrom ta' Ħal Safi tilef kull importanza li seta' kellu u ma damx ma sab ruħu żdingat. Kien għalhekk illi biċċa mill-art li kienet ittieħdet mgħand il-bdiewa reġgħet ingħatat lura lis-sidien. Inbnew żewġ *hangars* kbar li servew biex fihom jissewwew l-ajruplani tal-*Air Force*. Nafu li 137 *Maintenance Unit* marret Ħal Safi minn Kalafrana fis-27 ta' Ġunju 1946, u baqgħet hemm sa ma xoljiet.

Twaqqfu wkoll żewġ impjanti tat-tarmak biswit fejn kien hemm it-triq li minnha stajt tmur il-Gudja jew Ħal Far. Dawn l-impjanti tneħħew minn hemm meta f'Mejju tal-1972 beda x-xogħol sabiex *Runway NW-SE* (32/14) tal-ajruport ta' Ħal Luqa tiġi estiża għal 3544 metru. Din il-ħidma, li tmexxiet mill-Inġinier Taljan Mario Marra, damet sejra 5 snin u l-inawgurazzjoni tal-proġett saret fil-1 ta' Ottubru 1977.

F'Settembru tal-1978, il-kumpanija tal-avjazzjoni MIACO ntalbet tħalli l-post li kellha f'Ħal Far (fejn kienet ilha mill-1967) u ġarret għal waħda mill-*hangars* tal-Karwija. Meta din il-kumpanija żarmat, ġiet minflokha n-*New-Cal Aviation* (NCA) ta' New Jersey, US; din bdiet tiffunzjona f'Ottubru 1985. Waslet imbagħad fl-1992 kumpanija oħra tal-avjazzjoni, *Medavia*, li wkoll bdiet tuża l-istess *hangar* tal-NCA. Wara, ftit bogħod minn dan il-*hangar*, il-kumpanija *Medavia* bniet *hangar* ġdid.

Ta' min ifakkar li fin-naħa ta' fuq tal-Karwija, kienet inbniet dar li fiha kien joqgħod l-OC RAF Safi flimkien mal-familja tiegħu. Kien hemm diversi *Commanding Officers* li wħud minnhom kienu jingalawha tajjeb ferm mal-Ħalsafin. Wieħed fosthom, Harry Hester kien irregala mejda tal-*billiards* lill-Każin San Pawl.

Ħal Safi gawda wkoll minn numru ta' mwejjed u siġġijiet, u ammont konsiderevoli ta' *cable* u materjal ieħor biex fil-festa r-raħal jiddawwal bl-aħjar mod possibbli. Biswit id-dar tal-OC kien hemm għalqa fejn it-tfal Ħalsafin kellhom il-permess imorru jilagħbu u jagħmlu użu mill-bandli ta' ġo fiha. Iktar 'il quddiem, dan il-post ta' rikreazzjoni waqa' f'idejn il-Forzi Armati ta' Malta u nbidel f'*shooting range*.


Id-dar tal-OC RAF Safi (ritratt: Paul Callus)


Il-*hangar* tal-NCA (Ritratt - *Panoramio*)

Fl-2010, il-*hangar* tal-NCA inħatt u minfloku tela' ieħor ġdid. Hekk issa, apparti *Medavia*, kien hemm kumpanija oħra, *SR Technics*, li bdiet topera fil-Karwija, bit-tnejn li huma joffru servizzi ta' MRO (*Maintenance*, *Repair* u *Overhaul*).

Dan kien il-bidu ta' dak li llum jissejjaħ is-*Safi Aviation Park*, proġett mifrux fuq 200,000 metru kwadru ta' art, u li hu ppjanat li jilqa' fi ħdanu aktar kumpaniji ta' dan it-tip. Is-*Safi Aviation Park* kien




inawgurat mill-PM Lawrence Gonzi nhar il-Ħamis 10 ta' Mejju 2012.

Tabilħaqq illi l-Karwija, f'dawn l-aħħar 70 sena, għaddiet minn ġrajja verament imżewqa. Rat il-kruha tal-gwerra, is-sbuħija tal-paċi, kif ukoll il-benefiċċji li jġib miegħu il-progress.



Ix-*shooting range* tal-Karwija (ritratt: Paul Callus)

***Wieħed mill-iskopijiet tal-festa hu li naraw fiex aħna f'din il-lealtà tagħna lejn it-tagħlim ta' San Pawl***


YESUSDEMARIS
*-by jesmond-*




*Made to measure, bridal gowns, mothers and special occasions*

192A, Eucharistic Congress Road
Mosta, Malta MST9037

Tel: (+356) 2143 7086
Mob: (+356) 9986 0553

Find us on: facebook.

Jawgura l-Festa t-Tajba lil Kulħadd